# IR-RABA' PARTI
# QORTI TAL-KUMMERĊ

**8 ta' Lulju, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

William Warrington *noe*

*versus*

Consiglio Scibberas

## Kanonizzazzjoni ta' - Eżekuzzjoni ta' Kuntratt - Self '*Apertura di Credito*'

*Huwa prinċipju rikonoxxut fil-ġurisprudenza tagħna li meta l-attur ma jagħti l-ebda raġuni valida għaliex hu jkun għażel il-proċedura tal-kanonizzazzjoni minflok il-proċedura anqas dispendjuża ta' kuntratt riċevuta minn Nutar Pubbliku li jkun dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt allura l-attur għandu jbati kull spiża żejda li jkun ikkaġuna inutilment bil-proċedura li għażel.*

*Imma meta l-kuntratt in kwistjoni mhux wieħed ta' self iżda sempliċement għotja ta' faċilità ta' kreditu - kuntratt li fid-dottrina jissejjaħ* ***'apertura di credito'*** *- allura dak il-kuntratt ma għandux ir-rekwiżiti kollha elenkati fl-artikolu 251 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, cjoè li jkun dwar dejn 'ċert, likwidu u li għalaq' u għalhekk ma jistax* ***'marte proprio'*** *jitqies li hu titolu eżekuttiv.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, war li ppremetta i b'kuntratt tal-25 ta' Lulju, 1983, *in atti* Nutar Dottor Victor John Bisazza (Doc. 'A') u bi skrittura ta' l-1 ta' Awissu, 1983, l-attur *nomine* silef lil konvenut somma ta' flus bl-imgħax bit tmienja fil-mija, (Doc. 'B'), u peress illi l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlett elef, seba' mija u wieħed u ħamsin lira, sitt ċenteżmi, u sitt milleżmi (Lm 3,751.06,6) *oltre* l-imgħax relattiv mit-22 ta' Marzu, 1984, sad-data ta' l-effettiv pagament, u peress illi l-konvenut interpellat biex iħallas dan l-ammont baqa' inadempjenti; l-istess attur *nomine* talab li dina l-Qorti tikkundanna lill konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm 3,751.06,6 flus lilu mislufa kif fuq spjegat; u bl-imgħax bit-tmienja fil-mija mit-22 ta' Marzu, 1984, sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjeż kollha nklużi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tas-7 ta' Ġunju, 1984, u tal-5 ta' Lulju, 1984;

Rat id-dijarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur, u d-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi l-mertu huwa ammess;

2. Illi għar-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż kull spiża in eċċess minn dik tal-proċedura tal-mandat esekuttiv li kellu għad-disposizzjoni tiegħu l-attur għandu jbatiha huwa;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-konvenut.

Eżaminat bir-reqqa' il-provi kollha li tressqu, kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut ammetta s-sorte, iżda qiegħed jikkontesta il-kap ta' l-ispejjeż għaliex jirritjeni li l-attur ma kellux diġà titolu esekuttiv, ċjoè il-kuntratt tal-25 ta' Lulju, 1983, *in atti* Nutar Victor John Bisazza (Doc 'A' a fol. 4 tal-proċess) u għalhekk id-differenza fl-ispejjeż li hemm bejn il-proċedura li għażel li jagħmel l-attur u l-proċedura ta' l-ittra uffiċjali u mandat għandu jbatiha l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi huwa prinċipju rikonoxxut fil-ġurisprudenza tagħna (ara per eżempju Kollez. Vol XXXI-1-142; XXXI-1-217; u XXXVII-111-841) li meta l-attur ma jagħti ebda raġuni valida għaliex hu jkun għażel il-proċedura tal-kanonizzazzjoni minflok il-proċedura anqas dispendjuża ta' l-esekuzzjoni ta' kuntratt riċevut minn Nutar Pubbliku li jkun dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt (ara artikolu 251(b) tal-Kapitolu 15), allura l-attur għandu jbati kull spiża żejda li jkun ikkaġuna inutilment bil-proċedura li għażel;

Illi fil-kaz odjern id-difensur ta' l-attur irrileva li l-kuntratt in kwistjoni ma kienx wieħed ta' self sempliċi (mutwu) li fih titħallas effettivament is-soma mislufa jew lil min jissellef direttament jew lil terz b'delega ta' min jissellef. Huwa sostna li l-kuntratt in kwistjoni huwa sempliċement għotja ta' faċilità ta'

kreditu fejn m'hemmx it-'*traditio*' ta' flus u jekk il-konvenut, għall-grazzja ta' l-argument ma jużax din il-faċilità, huwa ma jkollu jagħti xejn lill-attur *nonostante* il-kuntratt;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-Qorti t-teżi ta' l-attur *nomine* tidher ġustifikata. Infatti, il-kuntratt Doc. 'A' mhux kuntratt ta' mutwu skond l-artikolu 1938 tal-Kodiċi Ċivili, iżda kuntratt li fid-dottrina jissejjaħ '*apertura di credito*'. Bih il-konvenut ma ingħatax materjalment is-somma ta' Lm 4,000 indikata fl-istess kuntratt iżda bis-saħħa tiegħu l-Bank attur poġġa l-istess somma a disposizzjoni tal-konvenut u dan iddelegah li jħallas lill-kredituri tiegħu in konnessjoni mal- '*construction and completion of the works being carried out on the house being constructed on a divided portion .....*'. Kif jgħid il-Ferri fil-*Manuale di Diritto Commerciale (Seconda Edizione)* Paġna 690) l-*apertura di credito* (li tista' tkun ta' varji tipi) ma għandhiex tiġi konfuża mal-mutwu; peress li ta' l-ewwel għandu bħala oġġett mhux il-godiment '*di una somma, ma l-godimento du und* ***disponibiltà***'. Meta jirrikorri l-kuntratt ta' '*apertura di credito*' kif jgħid il-Ferri (op. cit. paġna 685) '*la messa a disposizione della somma si pone in funzione di una sua futura, anche se eventuale, utilizzazione ..... Messa a disposizione, è chiaro, non significa trasferimento di proprietà della somma; questa rimane nel patrimonio della banca confusa con le altre somme di sua petinenza. In mancanza di una specificazione, il contratto avente per oggetto una cosa generica non può importare trasferimento di proprietà e giuridicamente la messa a disposizione della somma importa prestazione della somma da lui richiesta ..... importa cioè soltanto un diritto di credito. L'accreditato ha un credito disponibile, e cioè un credito che per l'accreditato è liquido ed*

*esigibile, ma che non è tale per la banca. Questa non può adempire infatti la prestazione se non su richiesta dell'accreditato';*

Illi a bażi ta' dan l-insenjament jidher ċar li l-kuntratt Dok. 'A' m'għandux ir-rekwiżiti kollha elenkati fl-artikolu 251(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili cjoè li jkun dwar dejn 'ċert, likwidu u li għalaq' u għalhekk ma jistax '*marte proprio*' jitqies li hu titolu esekuttiv;

Konsegwentement il-proċedura odjerna tal-kanonizzazzjoni adoperata mill-attur mill-attur kienet neċessarja u l-eċċezzjoni tal-konvenut rigwardanti il-kap ta' l-ispejjeż ma tidhirx fondata;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi fuq ammissjoni tal-konvenut tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur *nomine* kif dedotti fiċ-ċitazzjoni u prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-kap ta' l-ispejjeż, tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.